## Ordnijiet bil-posta tal-Eżerċizzi Spiritwali fuq Radju Marija

**Ordnijiet bil-posta tat-taħdidiet fuq CDs:**
**Jekk tixtieq tordna permezz tal-posta kopja tat-taħdidiet fuq CDs tista' tagħmel dan billi tibgħat ċekk jew *money order* ta' €10 pagabbli lil Radju Marija li jkopri spejjeż ta' 5 CDs (CD għal kull taħdita) kif ukoll l-ispejjeż tal-posta.**

**Imla l-formola t'hawn taħt, aqta' u itwi din il-faċċata u agħmilha f'envelope flimkien maċ-ċekk jew il-money order. Indirizzah kif ġej:**

**Eżerċizzi Spiritwali 2019, Radju Marija,**
**PO Box 19, ir-Rabat RBT1230**

**Immarka liema kors/korsijiet tal-Eżerċizzi tixtieq tordna.**

- ☐ Kors minn **Fr Antoine Borg** — Prezz **€9** jekk tiġbru int minn Radju Marija u **€10** jekk bil-posta
- ☐ Kors minn **Dun Ġorġ Bezzina (†)** — Prezz **€9** jekk tiġbru int minn Radju Marija u **€10** jekk bil-posta
- ☐ Kors minn **Fr Brendan Gatt** — Prezz **€9** jekk tiġbru int minn Radju Marija u **€10** jekk bil-posta
- ☐ Kors minn **Fr Louis Suban** — Prezz **€9** jekk tiġbru int minn Radju Marija u **€10** jekk bil-posta
- ☐ Kors minn **Fr Josef Pace** — Prezz **€9** jekk tiġbru int minn Radju Marija u **€10** jekk bil-posta
- ☐ Kors minn **Mons. Mario Grech** — Prezz **€9** jekk tiġbru int minn Radju Marija u **€10** jekk bil-posta

**Jien hawn taħt iffirmat qed nibgħat *cheque/money order* ta' € li jkopru t-taħdidiet li għażilt hawn fuq**

**Isem u Kunjom**

**Indirizz**

**Kodiċi Postali**

**Tel No.** **Mobile**

**Firma:**

Aqta' u ibgħat ✂



# Kif tista' tgħin lil **Radju Marija finanzjarjament:**

- Billi tagħti donazzjoni fir-reception ta' Radju Marija, Kunvent Patrijiet Dumnikani, ir-Rabat Malta
- Billi tagħti donazzjoni fil-Catholic Bookshop fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid, kif ukoll fil-Librerija Preca, Blata l-Bajda.
- Billi tibgħat ċekk jew moneyorder bil-posta, pagabbli lil Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat, RBT 1230
- Tista' tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-banek APS, HSBC u BOV:

**Assoċjazzjoni Radju Marija**

**APS IBAN:**
MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148
A/C ACCOUNT NO: 20000834 14-8

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB44587 000000058030875050
A/C ACCOUNT NO: 058-030875-050

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 30000000 14609142012
A/C ACCOUNT NO: 14609142012

Dejjem ara li tingħata rċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.

Permezz ta' SMS tista' tagħti donazzjoni ta' €4.66 billi tibgħat SMS fuq in-numru 50618063

jew inkella tibgħat SMS fuq 50619278 għal donazzjoni ta' €11.65.

# Servizzi offruti minn **Radju Marija**

**Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija**

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ħamis; fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-4.30pm, nhar ta' Sibt fit-8.00am biss u l-Ħadd fit-8.00am u fil-11.55am. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 21453105 u jistaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu preżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll il-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

**Avviżi komunitarji mxandra kuljum**

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività.

Dawn għandhom jintbagħtu b'email fuq **info.mal@radiomaria.org.**

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bażars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.


Agħmel kuntatt ma' Radju Marija:
Indirizz postali: **Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat RBT1230**
Telefon uffiċċju: **21453105**
Telefon studio: **21453106**
SMS studio: **79791023**
Indirizz elettroniku: **info.mal@radiomaria.org**
Websajt: **www.radjumarija.org**
jew sibna fuq: **Radju Marija Malta**




RADJU MARIJA 102.3FM/107.8FM


RADJU MARIJA 102.3FM/107.8FM

Mill-11 ta' Marzu sat-18 ta' April — 6 kelliema differenti ta' eżerċizzi spiritwali

**Eżerċizzi 2019**

**Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)** | Edizzjoni Speċjali Randan 2019






# Waqgħet dalma kbira… Mt:27:46



Missirijiet il-Knisja jitkellmu fuq dan id-dlam li ħakem il-pajjiż, u jsemmgħu l-karba li l-ħolqien qisu donnu kien qiegħed iħoss għal mewt ta’ Kristu, il-ħallieq tiegħu.

**Fr Antoine Borg** Direttur ta’ Radju Marija

Dalma kbira waqgħet fuq il-pajjiż kollu; naqraw kull sena waqt ir-rakkont tal-aħħar ħinijiet ta’ Ġesù fuq is-salib. Dettal li dejjem jimpressjona lil dak li jkun u li ħafna diretturi tal-films ma qagħdux lura li juruh fl-arti tagħhom. Din il-kelma DALMA nużawha aħna wkoll fil-waqtiet ibsin ta’ ħajjitna.

‘F’daqqa kelli qisu dalma!’… ġieli nisimgħu minn fomm xi ħadd li jkun għadda minn xi ħasda jew marda għal għarrieda.

‘Kelli qisu dalma!’… nismigħu wkoll minn xi persuni li jkunu għaddew minn konverżjoni jew li jkunu bidlu ħajjithom mil-lejl għan-nhar. Forsi wkoll ikunu għaddew minn żmien ta’ inkwiet u xi ħadd ikun tahom parir tajjeb u jistqarru li nfetħulhom għajnejhom.

‘Kont ngħix f’dalma!’… jistqarr xi ħadd li jkun ħareġ minn vizzju jew ħajja bla rażan li kienet qed tkissirlu ħajtu u dik tal-familja tiegħu.

‘Ħriġt minn dalma!’… jgħidu oħrajn waqt li jieħdu nifs ta’ serħan, għax ikunu ħelsu minn xi morsa ta’ rabta li ma setgħux jeħilsu minnha.

Dawn huma wħud mill-esperjenzi li ħafna jsemmu u jkunu għexu f’ħajjithom. Imma din il-kelma ‘dalma’ tissemma wkoll għal dak li hu tar-ruħ, dak li hu spiritwali… il-famuż ‘lejl mudlam’.

Missirijiet il-Knisja jitkellmu fuq dan id-dlam li ħakem il-pajjiż, u jsemmu l-karba li l-ħolqien qisu donnu kien qiegħed iħoss għal mewt ta’ Kristu, il-ħallieq tiegħu.

Ħbieb ta’ dan l-istazzjon u ħbieb tal-Verġni Mbierka li kemm-il darba stqarrejtu li waqt id-dlam ta’ ħajjitkom… il-Mulej kien magħkom, u dan permezz tal-vuċi ta’ Radju Marija! Kemm drabi kellimtuna u ċempiltulna u espremejtu li tixtiequ tirringrazzjaw lil Madonna li kienet magħkom waqt xi dalma f’ħajjitkom!? Kemm drabi għedtulna li ħlistu minn dan bl-għajnuna ta’ din l-Omm, intom u tisimgħu l-leħen ta’ binha Kristu Salvatur waqt it-talb u t-tagħlim li jiġu mxandra mir-Radju tagħha!

Tkun mela l-Verġni Mbierka dik l-Omm Addolarata ta’ faraġ tagħkom, biex bħalma hija kienet preżenti waqt is-siegħa l-iktar mudlama ta’ Binha Ġesù, tkun hija wkoll magħkom f’kull ‘dalma’ li tħossu f’qalbkom u f’moħħkom, għax l-imħabba tagħha hija l-istess bħal dik ta’ Binha Ġesù,…li qatt ma jabbanduna lil dawk li jersqu lejh!

## Editorjal tal-ET Mons. Mario Grech



Nipproponi li Marija takkumpanjana fil-mixja tagħna matul ir-Randan lejn il-festa l-kbira tal-Għid. Fiha għandna ġabra tal-ħajja tal-Vanġelu ta’ Ġesù u tal-missjoni li titwettaq f’ismu, għax hija turi kif wieħed jilqa’ l-Kelma (it-Tħabbira), jagħti l-laħam lill-Kelma (in-Nativitâ), jippreżentaha lid-dinja (l-Epifanija), jgħożżha f’qalbu (il-ħajja f’Nazzarett), jemmen fiha (il-preżenza f’Kana) ixerridha (il-ġrajja tal-Viżitazzjoni), jibqa’ fidil lejha anki fil-waqt tal-prova (il-Kalvarju), u jagħti xhieda tagħha f’komunità ta’ fidi (Għid il-Ħamsin).

**ET Mons. Mario Grech** Isqof ta’ Għawdex

## Appuntamenti fissi fuq Radju Marija

**Quddiesa:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: fis-7.30am u fis-6.30pm
Nhar ta’ Sibt : fis-7.30am u fis-6.30pm
Nhar ta’ Ħadd: fis-7.00am u fl-10.00am

**Ir-Rużarji:**
- Ir-Rużarju Mqaddes: f’12:00am, fl-4.00am,
  fis-7.00am, f’12.00pm, fis-6.00pm
- Ir-Rużarju tad-Duluri: Kull nhar ta’ Ġimgħa fl-3.40am u fin-12.30pm
- Ir-Rużarju ta’ San Ġużepp nhar ta’ Erbgħa fl-3.40am u fin-12.30pm
- Ir-Rużarju tal-Erwieħ: kuljum fl-3.40am u fin-12.30pm (minbarra nhar ta’ Tlieta, Erbgħa u nhar ta’ Ġimgħa)
- Ir-Rużarju ta’ San Mikiel kuljum, bl-Ingliz fit-3.20am u bil-Malti fis-6.30am (minbarra l-Ħadd) u fin-12.30pm nhar ta’ Tlieta

**L-Anġelus:**
- Kuljum fit-8.00am, f’12.00pm u fis-6.00pm qabel ir-Rużarju
- Kurunella tal-Ħniena Divina
  Kuljum fit-3.00am u fit-3.00pm

**Liturġija tas-sigħat: kuljum:**
- Tifħir tas-sbieħ il-jum: fit-8.15am
- Għasar: fis-7.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u fis-7.15pm is-Sibt u fis-6.30 il-Ħadd
- Kompjeta għall-miżżewġin: fil-11.15pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa
- Talb ta’ għeluq il-jum: f’11.50pm
- Bulettin tal-Aħbarijiet mid-dinja Kattolika:
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-7.15pm
  b’ripetizzjoni fil-11.30pm
- L-aħħar Aħbarijiet minn Radju Vatikan bl-Ingliż:
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.30pm

## MARATONA 2019

### 30 u 31 ta’ Marzu 2019

**Tista’ tgħin billi tibgħat sms għal valur ta’ €4.66 fuq in-numru 50618063 jew €11.65 fuq in-numru 50619728**

**Jew tista’ ċċempel fuq**

**51502045 għal donazzjoni ta’ €5 51602046 għal donazzjoni ta’ €10 51802047 għal donazzjoni ta’ €25**



## Randan 2019

**Dati importanti :**

**Mill-11 ta’ Marzu sat-18 ta’ April — 6 kelliema differenti ta’ eżerċizzi spiritwali**

| | |
|---|---|
| **6 ta’ Marzu** | Ras ir-Randan |
| **29 ta’ Marzu** | Ir-Redentur |
| **12 ta’ April** | Id-Duluri |
| **15 ta’ April** | Tibda l-Ġimgħa Mqaddsa |
| **18 ta’ April** | am Funzjoni tat-tberik taż-żjut / pm funzjoni ta’ Ħamis ix-Xirka |
| **19 ta’ April** | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| **21 ta’ April** | L-Għid il-Kbir |

| **11 – 15 ta’ Marzu** | |
|---|---|
| **@ 11am** | Mons. Mario Grech |
| **@ 5pm** | Fr Josef Pace |
| **@ 10pm** | Dun Ġorġ Bezzina (†) |

| **18 – 22 ta’ Marzu** | |
|---|---|
| **@ 11am** | Dun Ġorġ Bezzina (†) |
| **@ 5pm** | Mons. Mario Grech |
| **@ 10pm** | Fr Josef Pace |

| **25 – 29 ta’ Marzu** | |
|---|---|
| **@ 11am** | Fr Josef Pace |
| **@ 5pm** | Dun Ġorġ Bezzina (†) |
| **@ 10pm** | Mons. Mario Grech |

| **01 – 05 ta’ April** | |
|---|---|
| **@ 11am** | Fr Louis Suban |
| **@ 5pm** | Fr Antoine Borg |
| **@ 10pm** | Fr Louis Suban |

| **08 – 11 ta’ April** | |
|---|---|
| **@ 11am** | Fr Antoine Borg |
| **@ 5pm** | Fr Louis Suban |
| **@ 10pm** | Fr Brendan Gatt |

| **15 – 18 ta’ April** | |
|---|---|
| **@ 11am** | Fr Brendan Gatt |
| **@ 5pm** | Fr Brendan Gatt |
| **@ 10pm** | Fr Antoine Borg |

**Il-Via Sagra ssir kuljum minflok ir-rużarju tas-6pm**

**Matul ir-Randan il-program Vjaġġ mużikali ma jsirx, minflok ikun hemm l-Eżerċizzi Spiritwali**



1



2



3



4

5



6

1. Fr Antoine Borg
2. Fr Brendan Gatt
3. Fr Josef Pace

4. Dun Ġorġ Bezzina (†)
5. Fr Louis Suban
6. Mons. Mario Grech

**Schematic diagram for impagination of 4 gate leaflet**

